

Brussell, 19 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9368/26

COH 82
CADREFIN 217
POLGEN 121
ECOFIN 621
ENV 516
TRANS 312
PECHE 178
JAI 603
ENER 249
MI 486
MAR 76
COMPET 576
SAN 305
SUSTDEV 41
RECH 221

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 199 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI li tikkonċerna l-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 199 final.

Mehmuż: COM(2026) 199 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2026
COM(2026) 199 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**li tikkonċerna l-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun
tal-Baħar Baltiku**

L-INKLUŻJONI TAN-NORVEĠJA FL-ISTRATEĠIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAR-REĠJUN TAL-BAĦAR BALTIKU

1. Introduzzjoni

Fl-14 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet Presidenzjali tiegħu stieden lill-Kummissjoni tippreżenta Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Wara din it-talba, il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati b'mod estensiv. Fl-10 ta' Ġunju 2009, adottat il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku¹ (minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija"), l-ewwel strateġija makroreġjonali tal-UE. Il-Kunsill Ewropew approva l-Istrateġija fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29-30 ta' Ottubru 2009², u appella "lill-atturi rilevanti kollha biex jaġixxu malajr u jiżguraw implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija".

Il-Kummissjoni sussegwentement ippubblikat rapport ta' progress f'Ġunju 2011. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011, il-Kunsill Affarjiet Ġenerali stieden lill-Kummissjoni tirreżamina l-Istrateġija sal-bidu tal-2012. Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni³ li twieġeb għal din it-talba billi pproponiet (i) titjib fl-enfasi strateġika u l-allinjament tal-politiki u l-finanzjament, (ii) kjarifika tar-responsabbiltajiet tal-atturi differenti involuti u (iii) titjib fil-komunikazzjoni.

L-Istrateġija hija implimentata minn tmien Stati Membri (id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja) u hija strutturata madwar tliet objettivi ġenerali: *Insalvaw il-Baħar*, *Nikkollegaw ir-Reġjun* u *Inżidu l-Prospertà*. L-objettivi jindirizzaw diversi sfidi komuni u interkonnessi fir-reġjun, bħall-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sikurezza marittima, l-enerġija, it-trasport, il-konnettività, il-kompetittività u l-protezzjoni ċivili.

Sabiex jilħqu l-objettivi tal-Istrateġija, il-gvernijiet tal-pajjiżi parteċipanti impenjaw ruħhom li jallinjaw il-prijoritajiet nazzjonali u reġjonali tagħhom u jimmobilizzaw il-finanzjament rilevanti tal-UE u dak nazzjonali biex jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni. Mill-2013 'il quddiem, il-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija ġie aġġornat erba' darbiet biex jirrifletti l-prijoritajiet reġjonali u tal-UE kif ukoll il-ħtiġijiet emerġenti. Il-pjan ta' azzjoni attwali, adottat fi Frar 2021⁴, kompli jallinja l-Istrateġija mal-objettivi tal-UE u ssimplifika l-istruttura tagħha billi naqqas l-għadd ta' azzjonijiet, għarhom flimkien f' 14-il qasam ta' politika, u ħoloq unità ta' appoġġ apposta.

L-Istrateġija tiffoka fuq l-Istati Membri li jmissu mal-Baħar Baltiku iżda hija miftuħa wkoll għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien li mhumiex fl-UE, inkluża n-Norveġja. Fis-7 ta' Novembru 2025, in-Norveġja ppreżentat talba formali lill-Presidenza Estonjana tal-Istrateġija biex tissieħeb mal-Istrateġija bħala membru sħiħ. Fit-28 ta' Novembru 2025, it-tmien Stati Membri parteċipanti fl-Istrateġija u rrappreżentati fil-Grupp tal-Koordinaturi Nazzjonali approvaw din it-talba. Il-Presidenza tal-Istrateġija baġtet id-deċiżjoni tal-Grupp tal-Koordinaturi Nazzjonali sabiex in-Norveġja tiġi inkluża fl-Istrateġija lill-Kummissjoni fil-5 ta'

¹ COM(2009) 248 final tal-10 ta' Ġunju 2009.

² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u tat-30 ta' Ottubru 2009 (EUCO 15265/1/09 REV 1).

³ COM(2012) 128 final tat-23 ta' Marzu 2012.

⁴ SWD(2021) 24 final tal-15 ta' Frar 2021.

Diċembru 2025. Sussegwentement ippreżentat id-Deċiżjoni lill-Kunsill fl-24 ta' Marzu 2026, u stiednet lill-Kunsill jieħu l-pass meħtieġ biex jinkludi lin-Norveġja fl-Istrateġija bħala d-disa' pajjiż parteċipanti.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Mejju 2026, il-Kunsill laqa' u aċċetta t-talba tal-pajjiżi parteċipanti fl-Istrateġija. Stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu l-passi meħtieġa biex tinkludi lin-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, biex temenda l-Istrateġija kif meħtieġ, u biex tippreżentaha lill-Kunsill.

2. L-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija

1. Kuntest politiku

In-Norveġja ilha żmien twil sieħba fir-reġjun tal-Baħar Baltiku. Matul is-snin, ikkontribwiet għall-ħidma tal-oqsma ta' politika u għal diversi proġetti mmexxija fl-ambitu tal-qafas tal-Istrateġija. In-Norveġja tipparteċipa bħala osservatur fil-Grupp tal-Koordinaturi Nazzjonali, l-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Istrateġija, u tieħu sehem fil-programm Interreg tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, is-sors ewlieni ta' finanzjament. Il-programm u l-Istrateġija huma kkollegati mill-qrib minħabba li joperaw fl-istess żona ġeografika u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. L-Istrateġija tistabbilixxi l-qafas u l-oġettivi strateġiċi, filwaqt li l-programm Interreg jipprovdi l-finanzjament għall-proġetti li jimplementaw l-oġettivi u jappoġġaw il-governanza tal-Istrateġija.

Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Istrateġija ssospendiet il-kooperazzjoni mar-Russja u mal-Belarus, li wassal biex ikompli jissawwar mill-ġdid ix-xenarju politiku u ġeopolitiku tar-reġjun. Filwaqt li din il-bidla llimitat xi ftit l-ambitu tal-Istrateġija li tindirizza sfidi reġjonali kondiviżi bħat-tniġġis, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-ġestjoni tar-riskju marittimu, il-partijiet ikkonċernati xorta waħda intensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom, inkluż f'kuntatti prattiċi u ta' kuljum f'livelli u f'oqsma ta' politika differenti.

F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi, ambjentali u ekonomiċi sinifikanti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, flimkien mal-impenn fit-tul tan-Norveġja fl-Istrateġija u l-interess dejjem akbar tagħha f'kooperazzjoni mfandda fil-makroreġjun, huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tan-Norveġja tiġi fformalizzata fuq l-istess livell tat-tmien Stati Membri li diġà jimplementaw l-Istrateġija.

2. Il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija

Dan l-addendum għall-Komunikazzjoni oriġinali dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tal-10 ta' Ġunju 2009 jistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tan-Norveġja fil-governanza f'diversi livelli tal-Istrateġija u r-relazzjoni tagħha ma' pajjiżi parteċipanti oħra.

Bl-inklużjoni tagħha fl-Istrateġija, in-Norveġja se jkollha d-dritt li tipparteċipa fl-istrutturi kollha ta' governanza tal-Istrateġija, inkluż il-Forum Annwali, il-Grupp tal-Koordinaturi Nazzjonali, il-Gruppi ta' Tmexxija tal-oqsma ta' politika u kwalunkwe korp ieħor ta' governanza. Se jkollha wkoll ir-rwol ta' koordinatur ta' qasam ta' politika. In-Norveġja se tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati f'livelli differenti (l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-

soċjetà ċivili, is-settur tan-negozju u l-akkademja), filwaqt li tirrifletti l-prinċipji ta' governanza f'diversi livelli tal-Istrateġija.

3. Konklużjonijiet

L-inklużjoni formali tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku se ssaħħaħ ulterjorment id-dimensjoni reġjonali tal-Istrateġija u r-rabta bejn l-Istrateġija u l-programm Interreg tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Se żżid ukoll il-ġabra ta' għarfien espert u riżorsi, tfannad il-kooperazzjoni interstatali fir-reġjun u tiżgura li l-isfidi komuni jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv. Il-parteċipazzjoni fuq l-istess livell mal-pajjiżi parteċipanti l-oħra se tippermetti lin-Norveġja tfannad il-kooperazzjoni tagħha f'kuntest makroreġjonali u tappoġġa l-kisba tal-oġettivi tal-Istrateġija għall-ġid tar-reġjun kollu.